**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Dicembru 2024**

Rikors Numru: 489/24 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom f'Malta fit-23 ta' Lulju 2010 (DOK A) uminn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed li ghadu minuri.
2. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta seprazzjoni ppubblikat nhar il-5 ta' Mejju 2023 fl-atti tan-nutar Francesca Cachia Zammit (DOK B);
3. Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien minn qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni kif jidher mill-preambolu tal-kuntratt;
4. Illi m'hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet u l-manteniment dovut mill-intimat ghat-tifel minuri huwa kollu mhallas;
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

6. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m' huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;
7. Illi l-affidavit tal-esponenti qieghed jigi anness u mmarkat bhala DOK C.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, joghgobha, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-ezistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Ottubru 2024;

Rat illi l-intimat debitament notifikat imsejjah tlett darbiet ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ Mejju 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza

ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.